Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-HMISTAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 18 ta' Frar 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

1. **APPROVAZZJONI TA' FINANCIAL STATEMENTS**

   Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzjoni tal-Financial Statements li gew cirkolati madwar il-mejda filwaqt li rrispondiet ukoll xi mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera. Wara li dawn il-financial statements gew miflija sewwa, is-Sur Cordina ikkonkluda li b'differenza ma' Kunsilli ohra fejn kien hemm nefq sfrenat konness mal-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, dan il-Kunsill irnexxielu izomm l-ispejjez kontenuti u tnaqqsu l-ispejjez xorta, b'rizultat li d-deficit naqas drastikament. Ghaldaqstant, il-Financial Statements few approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

2. **GIEH H'ATTARD – PREPARAZZJONI, EDIZZJONI 2013**

   Gie propost li dan isir fit-8 ta' Gunju fil-Knisja Parrokkjali u li barra dak diga diskuss fil-laqgha precedenti, is-Sur Remigio Bartolo ser jibda it-thejjijiet u jaghmel kuntatt ma' min ha jiehu sehem. Is-Sur Bonnici kien naqra xettiku li jsir fil-knisja parrokkjali u kien jippreferi li dan isir fil-pjazza ghal berah bhal Pjazza Tumas Dingli. Is-Sur Bartolo qal li kieku fil-knisja parrokkjali ikun xi haga b'differenza. Ghalhekk ghandhom jitkomplew il-preparazzjonijiet fuq dan il-punt.

   Is-Sur Stefan Cordina irrefera ghall-ahhar laqgha tal-Kunsill u id-diskussjoni li saret fuq il-barriera ta' Wied Incita. Qal li l-barriera hija ideja fantastika u li giet issettjata data ghal mar-residenti ghall-1 ta' Marzu fis-6.00pm. Is-Sur Remigio Bartolo qal li hu iccekkja fuq l-impatt ambjentali u qal li m'hemmx problemi ta' sahha b'dan il-progett. Rigward l-ittra tar-residenti, din ghandha tintbaghat b'dan is-sens: Gejna avvicinati minn kumpanija privata rigward progett ta' energija alternattiva fis-sit ta' fejn kien hemm il-barriera ta' Venven. Talbuna nissettjaw gurnata u ghaldaqstant qed tigu mistiedna tattendu ghall din il-laqgha. Din il-laqgha ser issir possibbilment fic-Centru Parrokkjali u ghandha tintbaghat l-ittra lir-residenti ta' Tumas Chetcuti, Hafur, Xarolla u Luigi Ellul. Is-Sur Bonnici qal li il-ballun qieghed f'idejn ir-residenti issa filwaqt lis-Sur Cassar qal li jhoss li kif saru l-affarijiet, qisu il-Kunsill ghadda passata zmien bir-residenti. U issa li kien wasal il-waqt li l-Kunsill jibda proceduri legali, ha jkollu jerga' jieqaf minhabba dan il-progett. Fl-opinjoni tieghu, is-Sur Cassar qal li ma tistax

tinghata go ahead hekk qabel ma jkun hemm certu certezzi anka minn naha tal-MEPA. Is-Sur Borg qabel ma' dan u ghalhekk ha jistennew il-feedback minn naha tar-residenti. Is-Sur Remigio Bartolo irrimarka li mportanti li jkun hemm xi hadd jiehu n-noti u li Edward ghandu jigi mistieden bhala avukat. Is-Sur Zammit tenna li b'dan il-mod, m'ghandiex ghalfejn tinfetah kawza, filwaqt li s-Sur Cassar qal li l-importanti hu li jkun hemm data ta' meta ha tintefa' l-applikazzjoni.

## 3. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Rega tenna fuq il-hege ta' Gnien il-Palma,Triq il-Mosta. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemm xi haga mizrugha fl-art imma vera ghadha zghira kkomparata mal-ohrajn u biex tilhaq dak il-kobor, tahseb li trid is-snin.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Tliet bozoz maqtughin hdejn C Grech marbles

## 4. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-8.00pm għall-20 ta' Marzu 2013

______________________ Sindku

______________________ Data